**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 2446/99 AJM

Kawza numru

Power Centre Co. Ltd. U b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2000 ghandhom jizdiedu l-kliem "u b'rizoluzzjoni tat-23/12/99 il-kumpanija sar jisimha "Zak Rome Ltd."

Vs

B.A.S. Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-9 ta' Novembru 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet li fost l-attivitajiet taghha hija tesporta hut frisk bl-ajru lill-klienti taghha fir-Republika ta' Cipru; illi l-attrici f'diversi okkazzjonijiet, kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta bit-trasport bl-ajru u s-servizzi l-ohra konnessi mal-esportazzjoni tal-hut frisk minnha mibjugh lill-klienti taghha f'Cipru; illi s-socjeta' konvenuta ma qdietx fedelment l-inkariku lilha fdat u fl-esekuzzjoni tal-mandat

taghha ddimostrat negligenza u traskuragini nskuzabbli; illi bhala konsegwenza tal-agir negligenti tas-socjeta’ konvenuta s-socjeta’ attrici baghtiet danni ngenti kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi s-socjeta’ konvenuta interpellata bonarjament sabiex taddivieni ghall-likwidazzjoni u pagament tad-danni minnha kawzati baqghet inadempjenti, u dana nonostante l-bona volonta’ li wriet is-socjeta’ attrici, li avolja kienet tippretendi risarciment tad-danni, biex izzomm relazzjonijiet tajba, xorta wahda, minghajr pregudizzju, baqghet taghmel pagamenti akkont, fl-interess li tintlahaq soluzzjoni globali; talbet li din il-Qorti:-

1 tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta, minhabba negligenza u t-traskuragini taghha, in disimpenn tal-inkarigu lilha fdat fit-trasport bl-ajru tal-hut frisk ghal Cipru, risponsabbli ghad-danni kollha, kemm bhala damnum emergens kif ukoll bhala lucrum cessans sofferti mis-socjeta’ attrici;

2 tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici, okkorrendo bl-opera ta’periti nominandi;

3 tikkudanna lis-socjeta’ konvenuta thalals lis-socjeta’ attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-konsult u tal-ittra bonarja tat-3 ta’ Gunju 1999, u bl-imghaxijiet minn tlett ijiem wara kull konsenja, kontra s-socjeta’ attrici, minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tas-socjeta’ attrici.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta presentata fit-22 ta’ Dicembru 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi d-domandi tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi s-socjeta' konvenuta mhix il-legittimu kontradittur stante li ma gietx inkarigata mis-socjeta' attrici "bit-trasport bl-ajru u servizzi ohra konnessi mal-esportazzjoni ta' hut frisk" kif jinghad fit-tieni paragrafu tal-att tac-citazzjoni, izda l-inkarigu taghha kien biss li jippreparaw ghas-socjeta' attrici d-dokumenti, "waybill etc" konnessi mal-esportazzjoni, jigbru mill-post tas-socjeta' attrici l-merkanzija li kellha tigi ppakkjata mis-socjeta' attrici stess, u jwasslu din il-merkanzija sal AIR MALTA plc u jikkonsenjawha lil dik is-socjeta'.
3. Illi fl-ebda kaz ma kien hemm dewmin ta' konsenja lil AIR MALTA u s-socjeta' konvenuta uzat l-hila u diligenza kollha necessarja fit-trasport tal-merkanzija mill-post tas-socjeta' attrici sa l-AIR MALTA, infatti, hlief ghal kaz wiehed biss, il-merkanzija kienet dejjem akkompanjata minn membru tas-socjeta'attrici.
4. Illi f'kaz wiehed biss is-socjeta' attrici irreklamat dwar danni pretizi; dan ir-reklam sar ma l-AIR MALTA, u din ikkompensat lis-socjeta' attrici.
5. Illi s-socjeta' attrici qatt ma ghamlet b'ebda mod, kemm bil-fomm, kemm bil-miktub, kemm b'ittra ufficjali u kemm bi protest gudizzjarju, "claim" mas-socjeta' eccipjenti u din l-ewwel darba li saret taf li l-atturi qedin jakkampaw din il-pretensjoni kienet zmienwara illi s-socjeta' konvenuta ipprezentat ipprezentat Avviz fil-Qorti tal-Magistrati ghall-pagament lilha tad-drittijiet taghha u spejjes.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta'l-1 ta' Frar 2000 ta din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghat-3 ta' April 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' April 2000 meta l-kawza giet imhollija ghall-provi u trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici tesporta l-hut frisk lejn Cipru. Ghal dan il-ghan kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tiehu hsieb dak kollu necessarju biex l-merkanzija, mill-imhazen taghha tasal fi stat tajjeb fl-Ajruport ta' Hal Luqa biex hemm wara li tigi kkonsenjata lir-rappresentanti tal-Air Malta, din kienet titpogga fuq l-ajruplan u ittir lejn d-destinazzjoni taghha. Gara li f'okkazzjoni minnhom kien hemm xi dewmin fil-konsenja u ghalhekk l-merkanzija waslet tard u grala xi hsara. Is-socjeta' attrici ghalhekk avvicinat lis-socjeta' konvenuta u flimkien avvicinaw lill-Air Malta li eventwalment hallset xi kumpens. Issa s-socjeta' attrici qeghda tagixxi kontra s-socjeta' konvenuta billi, kif qal Angelic Mifsud, direttur tas-socjeta' attrici, "*il-pagament li ghamlet (l-Air Malta) ma kkaverjax dik il-konsenja.*"

Mhux kontestat li l-hsara fil-merkanzija giet kagunata fit-tragit bejn Malta u Cipru u cioe waqt li-istess merkanzija kienet fil-pussess u kustodja

tas-socjeta''Air Malta. Dan jirrizulta mhux biss mid-dicitura tat-talbiet fic-citazzjoni izda ukoll mill-fatt li dwar l-istess hsara saret "claim" ma l-Air Malta li hija l-carrier. Is-socjeta''konvenuta ghalhekk qed isostni li hija bl-ebda mod ma hija responsabbli billi hija "ma gietx inkarigata mis-socjeta' attrici *bit-trasport bl-ajru"* izda hija kienet biss responsabbli ghall-prepazzjoni tal-Airway Bill, u t-trasport tal-merkanzija mill-mahzen ta' l-attur sa' l-ajruport. L-attur jikkontendi li huwa kien inkariga lis-socjeta' konvenut biex taghmel dak kollu necessarju sabiex l-merkanzija tasal Cipru u konsegwentement jekk fit-tragit grala xi hsara ghandha tirrispondi s-socjeta' konvenuta.

Ma hemmx dubbju li s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda kontroll fuq l-operazzjonijiet tal-carrier u cioe l-Air Malta. Issa l-Air Waybill relattiv ghal gar tal-merkanzija in kwistjoni kien isir f'isem is-socjeta' attrici kif rappresentata mis-socjeta' konvenuta bhala "Agent of Shipper" li fil-kaz in ezami kienet l-istess socjeta' attrici. Dan il-kuntratt ta' trasport jsir direttament ma l-Air Malta liema kumpanija obbligat ruhha, favur is-Shipper, li tittrasporta l-merkanzija sad-destinazzjoni fl-istat tajjeb li tkun ircevieta. Isegwi li l-agent li jagixxi ghan-nom tal-principal tieghu u cioe l-B.A.S. Ltd ma jassumi ebda responsabbilita' u qatt ma jista' jigi akkollat b'responsabbilita' ghan-nuqqasijiet tal-carrier li kkuntratta mieghu l-istess attur anke jekk dan l-arrangament sar tramite l-istess socjeta' konvenuta.

Illi ghar-rigward ta' dak li intqal *in extremis* mid-difensur tas-socjeta' attrici fis-sens li "kien hemm hafna nuqqasijiet "on the ground" Malta, din il-Qorti ma thoss li ghandha tikkummenta billi t-talbiet fic-citazzjoni, u anke kif irrizulta sussegwentement, kif inghad fuq, jidher li l-ilment

tas-socjeta' attrici huwa indirizzat lejn l-perjodu meta l-istess merkanzija kienet fl-ajru.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta billi tiddikjara lill-istess socjeta' mhux il-legittimu kontradittur u konsegwentement tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Onor Imhallef Albert J. Magri